# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

**It-Tnejn 20 ta' Frar 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

**ASSENTI**
Kasy Mercieca - Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 62

62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

62.2 Kusiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 60 – 8 u Nru 61 – 8 (Laqgħa b'urġenza;

62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

62.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

62.5 Rapport ta' kull kwart Ott – Diċ 2016

62.6 L-Estimi Annwali 2017

62.7 Ilmenti u Suġġerimenti

62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

62.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa.
Il-Laqgħa bdiet fis-1.45 p.m., wara ntqalet it-talba tal-bidu.

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

62.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija mill-membri tal-Kunsill.

## 62.2 Kusiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 60 – 8 u Nru 61 – 8 (Laqgħa b'urġenza)

62.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 60 – 8 u Nru 61 – 8 (Laqgħa b'urġenza) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Is-Sindku qal li l-Laqgħa Annwali Pubblika li kellha ssir nhar it-Tlieta 10 ta Jannar 2017, fil-5.00 p.m. u li għalija sar l-avviż fuq il-Ġazzetta tal-Gvern u tqassmu l-avviżi f'kull residenza f'Ta' Sannat sfortunatament ma saretx dan għaliex ħadd mill-pubbliku ma attenda.

62.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ssa rċevejna l-iStandar Operating Procedure li tirrigwarda l-iSkema "Irrestawra Darek" liema skema tnehdiet mill-Awtorita tal-Ippjanar biex kull min hu interessat jirrestawra daru u jirċievi grant wara li japplika u l-applikazzjoni ovvjament tiġi aċċettata mill-Planning Authority.

62.3.3 Is-Sindku qal li wara li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv indagaw dwar l-applikazzjoni tal-PA 4 ERDF dwar ic-CCTV cameras madwar ir-raħal biex tkun ta' sorveljanza għar-residenti, meta rajna sew l-applikazzjoni il-kofinanzjament kien ta' 50% mill-Unjoni Ewropeja u l-50% irid joħroġhom il-Kunsill. Hu qal li vera li l-Kunsill jista japplika għal fondi mill-Gvern ta' Malta iżda din l-applikazzjoni tgħatik biss għal pannelli solari tac-CCTV cameras. Ma dana kollu l-Kunsill ser jgħamel l-almu tiegħu biex jiddiskuti ma kumpaniji privati biex naraw x'servizz jisghu jipprovdu ta' sorveljanza lill-lokalita'. B'hekk il-Kunsill ikun irid iħallas ta dan is-servizz biss u mhux dawk tal-apparat.

62.3.4 Is-Sindku qal li dwar l-applikazzjoni ta' PA 5 ERDF, l-Kunsill ser jipprova japplika għar-restawr tal-pompa tal-ilma li tinsab fil-wied ta' Mġarr ix-Xini għandu laqgħa apposta mall-Ministru tat-Turiżmu peress li din l-applikazzjoni hemm grant ta' 80% u l-20% mill-Kunsill. Il-perit tal-Kunsill għamel l-istima għal dan ix-xogħol u b'hekk ser tiġi ppreżentata lil Ministru waqt din il-laqgħa biex il-Kunsill ikun jista japplika għal dan il-proġett dejjem jekk ikollu l-ko-finanzjament ta' l-20%. Qabel ma l-Kunsill jkollu din il-konferma ma jistax japplika biex jieħu f'idejh b'devoluzzjoni ta' l-art imsemmija.

62.3.5 Is-Sindku qal li dwar ix-xogħolijiet tal-Playing Field fi Triq Marziena mill-fondi tal-Urban Improvment Fund tal-Awtoritata tal-Ippjanar, tkellem mall-Perit li għandu jiċċekja dwar dan.

62.3.6 Is-Sindku qal li l-Local Enforcement System Agency talbet biex issir laqgħa mall-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex u li din saret nhar is-Sibt li għadda fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex.

Għal din attendiet il-Kunsilliera Said. Il-Kunsilliera Said għaddiet it-tagħrif dwar din il-laqgħa fejn semmiet l-għajnuna li tista tagħti l-kumpanija LESA fosthom fi traffiku b'mod speċifiku quddiem mini markets fuq loading u unloading, l-ambjent, waqt attivitajiet li jitwettqu mill-Kunsill u servizzi waqt xogħolijiet ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill qabel u qal li hu dejjem għamel użu mis-servizzi li toffri l-LESA.

62.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li saret laqgħa mall-Kumpanija GreenPak il-Kunsill iffirma addendum mall-kuntratt li għandu dwar il-ġbir tal-WEEE.

62.3.8 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv wara li rċieva email mingħand ARPA dwar dawn il-kontijiet pendenti għamlu laqgħa mall-Avukat u l-Perit tal-Kunsill rigward dawn il-kontijiet minn M313 (1st call), M323 u M313 (2nd call) dan. Hu qal li ser niktbu bl-Avukat dwar dawn il-pendenzi. Is-Sindku qal ukoll li rigward M313 (2nd Call) għad fadal pendenza ta' €2016.32 u li din trid titħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

62.3.9 Is-Sindku qal li dwar Jum Sannat u Premju Ġieħ Sannat 2017 is-Soċjeta Muzikali Santa Margerita laqgħet it-talba tagħna biex isir kunċert mużikali għal waqt is-serata li ser isir apposta għal din l-okkażżjoni. Matul ix-xahar ta' Marzu 2017 għandhom jitnedew l-applikazzjonijiet għal dan il-premju.

62.3.10 Is-Sindku qal li l-Awtorita' tal-Ippjanar rċevew l-applikazzjoni tal-upgrade tal-Pjazza Santa Margerita. Saret laqgħa mall-Perit u s-Sur Clive Refalo dwar il-final artistic impression ta dan is-sit. Dawn għandhom jintwerew waqt l-attivita ta' Jum Sannat. Il-Planning Authority ġa waħlu n-notices fil-pjazza dwar dan.

62.3.11 Is-Sindku qal li l-Head tal-iskola primarja talbet lill-Kunsill biex tara jekk hux ser jorganizza attivita' lit-tfal fl-okkażjoni ta' Jum Sannat. Dwar dan kien hemm qbil u għandha ssir laqgħa apposta mal-Head.

62.3.12 Is-Sindku qal li attenda għal laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex li saret nhar il-Ħamis 9 ta' Frar 2017. Hu qal li fost materji oħra li l-kumitat iddiskuta kien hemm il-materja tal-ġbir tal-iskart domestiku kemm dak organiku, reċiklabli u dak tal-borża s-sewda. Hu nforma lill-Kunsill li ser issir laqgħa apposta mir-Reġjun Għawdex mall-Ministru Herrera u s-Segretarju Parlamentari Buontempo dwar dan il-għan.

62.3.13 Is-Sindku qal li ser issir laqgħa dwar l-Active Ageing Hub Ta' Sannat nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2017, dan biex is-servizz jibda fil-viċin.

62.3.14 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur Teddy Cremona ta' Triq Skerla fejn qal li quddiem għalqa tiegħu fl-istess triq il-Kunsill kien sebbaħ spazju miftuħ b'fondi minn ECO Gozo. Hu qal li qallu li meta jasal biex japplika mall-Awtorita' tal-Ippjanar meta jkun il-waqt u finalment ikun jista jiżvillupa din l-art wara dan l-ispazju, l-Kunsill għandu jħalli aċċess għal binja tiegħu. Il-Kunsill qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir xi żvillup u jekk ikun il-każ il-Kunsill jkun jista jmexxi l-bankijiet u l-posts li hemm f'dan is-sit.

62.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ssa wara li tlestew it-toroq bit-tarmak mill-Ministeru għal Għawdex fi Triq tal-Gruwa, Triq Ta' Ċenċ u Triq Dun Luqa u wara li saret konsultazzjoni ma Transport Malta, l-Kunsill irid jgħamel traffic management ġdid biex isiru mill-ġdid is-sinjali tat-traffiku u dawk tal-parkeġġ. Għalhekk il-Kunsill għandu jkellem lill-Perit Scerri biex isir dan. Ġie ssuġġerit li quddiem Marsilja Store isiru double yellow lines quddiem il-ħanut u ssir loading and unloading bay 'il fuq mill-ħanut dan biex nevitaw kull periklu. Għandhom jerġħu jsiru l-bollards fi sqaq ta' Triq Xamgħan. Jinżebgħu s-sinjali give way fl-art fi Pjazzetta tax-

Xelina. Issir tabella bil-lenght size għal containers/trailers fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Fit-toroq Dun Xand Aquilina u Triq Ta' Ċenċ jeħlu Priorty Road Ahead sign biex wieħed jgħati d-dritta lil dak li jkun ġej. Iridu jsiru double yellow lines quddiem dar nru. 102 fi Triq il-Kbira peress li l-karrozza tal-linja qed issiba diffiċli biex tgħaddi minn din it-triq. Fi Pjazza Santa Margerita għandhom isiru double yellow lines fuq in-naħa tar-restaurant Beppe's, l-Każin ta' Sannat Lions F.C. u l-Każin tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita għaliex speċjalment fil-weekend qed isir parkeġġ fuq il-karreġjata u li qed ikun ta' periklu kbir għal kull min jgħaddi minn hemm.

## 62.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

62.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 attenda għal seminar dwar Measure 4.3 – *support in infrastructure related to development, modernisation and adoptation of agriculture and forestry*. Dwar din l-applikazzjoni hi 90% minn fondi ewropej u 10% mill-fond tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-applikazzjoni hi miftuħa sa 2020 u ovjament il-Kunsill irid joħroġ l-spejjeż l-oħra bħal ma huma dawk tal-perit eċċ. Il-Kunsill għandu jitlob laqgħa mall-bord għal ko-finanzjament dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku semma dawn li jista jibbenefika għalihom: Triq ġdida fi Triq Saguna, Triq Bardan, Sqaq Dun Anastas, Sqaq ta' Xamgħan u tlett sqaqien fi Triq Ta' Ċenċ.

62.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Ministeru ta' Għawdex qed jevalwa l-possibilta li jiżdiedu l-postijiet pubbliċi li fihom jiġu offrut free Wi-Fi peress li din it-talba kienet sa 7 ta' Frar, il-Kunsill talab għal dawn il-postijiet Pjazetta tax-Xelina, Ġnien tal-Bidwi u sit miftuħ fi Triq Skerla. Il-Kunsill ssuġġerrixxa wkoll il-Playing Field fi Triq Marziena u l-ispazzju miftuħ fuq il-Ġibjun fi Triq il-Kbira.

62.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ġie nfurmat mill-Planning Authority li fil-fond tal-Urban Improvement Funds hemm is-somma ta' €24455.90ċ.

62.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li t-tabelli (Parking for light vehicles only and School Buses) fi Triq 28 ta' April 1688 spiċċaw bl-elementi naturali u li fl-istess triq hemm 2 pots vojta. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinbidlu u l-pots jimtlew bi pjanti bħal dawk li hemm.

62.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema ta' Community Workers Scheme Enterprise Foundation għandhom bżonn safety wear ġdid - żraben, boilersuits u safety glasses. Il-Kunsill qabel li dawn jinxtraw.

62.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsill li ser issir il-laqgħa plenarja nhar is-Sibt 4 ta' Marzu 2017. Hu talab lill-Kunsilliera biex min se jattendi jinfurmaħ sa nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2017 biex isir l-pagament qabel.

62.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fuq parir li hu ħa mingħand il-Perit dwar il-Pjazzetta tax-Xelina dwar manutensjoni fuq il-fili ta bejn il-mantunċina fejn inqala' dan qal li l-aħjar li trid issir manutensjoni issa u regolari qabel ma l-ħsara tikber. Il-Kunsill qabel u għandu jkellem lill-Kuntrattur dwar dan.

62.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva mid-DLG dwar Inizjattiva Għaqal id-Dar fejn dawn infumawna li peress li l-Fontana u Ta' Sannat urejna nteress illi nospitaw dan it-taħrig peress li l-irħula huma żgħar u viċin ta' xulxin ser jiġi organizzat b'mod konġunt. Il-Kunsill qabel ma dan iżda ser jissuġġerixxi li dan isir fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat.

62.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularitajiet u Direttivi mibgħuta mid-DLG u li

dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri b'permezz tal-imejl. Dawn huma-

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 3/2017 | Ħatra ta' Direttur (Gvern Lokali), Twaqqif tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u Nomenklatura ġdida għad-Direttur (Gvern Lokali) |
| Nru. 4/2017 | Għeluq tas-Sena Finanzjarja |
| Nru. 5/2017 | Inizjattiva Finanzjarja – Skema Attivitajiet Kulturali |
| Nru. 6/2017 | Allowance lill-Kunsillieri |

Direttivi:

| | |
|---|---|
| Nru. 1/2017 | Accounting Treatment ta' Assi Fissi (Non –Current Assets) |

## 62.5 Rapport ta' kull kwart Ott – Diċ 2016

62.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mal-Aġenda kien bgħat ir-Rapport ta' kull kwart Ott – Diċ 2016. Dan kien ġie spjegat ukoll mill-accountant fl-aħħar laqgħa b'urġenza. Dan ġie approvat mill-Kunsill u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 62.6 L-Estimi Annwali 2017

62.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mall-Aġenda kien bgħat l-Estemi Annwali 2017 u li dawn ukoll kienu ġew spjegati mill-accountant fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex din is-sena nimxu ma dan il-baġit. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie approvat.

## 62.7 Ilmenti u Suġġerimenti

62.7.1 Is-Sur Theuma ta' Scarlet Triq Ta' Ċenċ qed jitlob double yellow lines fil-ġnub tal-garaxx peress li ma jkunx jista' jdaħħal u joħroġ il-karozza. Il-Kunsill kien diġa rrefera għal dan li jinkludi dan l-ilment aktar il-fuq permezz ta' paragrafu nru. 62.3.15

62.7.2 Is-Sinjura Muscat ta' 1, Triq Xabbata qed titlob li tiġi rrangata l-bankina. Il-Kunsill għandu jara din il-bankina u jekk jara li hemm il-bżonn din tiġi rranġata.

62.7.3 Is-Sindku qal li ġie mitlub minn residenti minn Triq tal-Gruwa biex isiru double yellow lines quddiem dar Muscat. Il-Kunsill talab dan lill-TM.

62.7.4 Il-Kunsilliera Cassar Sultana u s-Sinjura Buttigieg it-tnejn talbu li hemm ħofra perikoluża fi Triq il-Kbira. Din għandha tiġi ppeċjata. Il-Kunsill qabel biex isir patching fi Triq il-Kbira u għandu jitlob kwotazzjoni fuq in-naħa t'isfel għal Munxar minn fejn ir-residenza Wild Orchid sa fejn ir-residenta Casa Cauchi peress li din il-parti tat-triq qed tiġġarraf.

62.7.5 Il-Kunsillier Bajada talab biex jerġu jinżebgħu s-sinjali li kien hemm fi Triq il-Kbira quddiem il-

ġibjun u mal-iskola l-qadima fejn qattgħu t-triq. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv ġa talab l-għajnuna tal-ħaddiema tad-Dipartiment Proġetti u Żvillupp fi ħdan l-MGOZ.

62.7.6 Is-Sindku qal li xi residenti talbu li jsir patching fi Sqaq Dun Anastas u ta ħofor fejn iċ-Ċimiterju. Il-Kunsill qabel ma dan.

62.7.7 Xi residenti talbu biex nitolbu biex jsir il-white line li kien hemm fi Triq t-Tabib Anton Tabone. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-ħaddiema tad-Dipartiment Proġetti u Żvillupp fi ħdan l-MGOZ biex isir dan.

62.7.8 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li t-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-MGOZ għandha proposta biex fis-sajf li ġej issir attivita' divertenti fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini dejjem jekk il-Kunsill jaċċetta. Hi qalet li l-Kunsill ikun irid jipprovdi transport minn Triq tal-Gruwa għal bajja. Is-Sindku qal li jkun aħjar li ssir laqgħa apposta mat-Taqsima tal-Kultura biex jara aktar dwar din l-attivita'.

62.7.9 Il-Viċi Sindku qalet li ġiet avviċinata mis-sidien ta' għalqa li tmiss eżatt fuq in-naħa ta' wara tal-Ġnien tal-Bidwi fejn dawn qalulha li meta kien sar ix-xogħol f'dan il-ġnien il-Kuntrattur li bena dan u kellu aċċess minn din l-għalqa ħalla l-għalqa fi stat li din ma tistax tinħadem. Għalhekk hi talbet biex dan il-Kuntattur jintalab biex din l-għalqa tiġi fl-istat ta kif kienet. Is-Sindku qal li hu nforma lill-Kuntrattur kemm il-darba dwar dan. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Kuntrattur biex dan iwettaq it-tindif neċessarju biex is-sidien ikunu jistgħu jaħdmu mill-ġdid din l-art.

62.7.10 Il-Viċi Sindku qed tissuġġerixxi li jsiru Speed Cameras fi Triq it-Tabib Anton Tabone peress li f'din it-triq qed isir sewqan eċċessiv. Dwar dan is-Sindku qal li din hi idea tajba ħafna biex jitnaqqas l-ispeed f'din it-triq u qal li din it-triq tinsab fil-konfini ta' Kunsilli Lokali oħra u t-talba trid issir lilhom.

62.7.11 Il-Kunsilliera Cassar Sultana reġġet staqsiet lill-Kunsill għaliex fi Triq Paraniji meta ntefgħa il-konkos fi triq dan baqa hemm u ma sar xejn. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien informa lill-Kuntrattur tal-bankini biex dan jitneħħa iżda dan ix-xogħol għadu ma għamlux. Il-Kunsill għandu jerġa jinforma lill-kuntrattur dwar dan biex jitneħħa.

62.7.12 Il-Kunsilliera Cassar Sultana talbet peress li ġiet avviċinata minn residenti biex il-mera li kien hemm fi Pjazza Santa Margerita u nqallet biex saret il-bankina fejn illum hemm Beppe's Restuarant terġa teħħel. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

62.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 62.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

62.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-3.40 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 20 ta' Marzu 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |